



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) tas-26 ta' Lulju 2023 – Troy Chemical Company vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-662/21)¹

“Aċċess għad-dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Dokumenti relatati għall-adozzjoni tar-Regolament ta' Eżekuzzjoni (UE) 2021/348 – Rifjut parzjali ta' aċċess – Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji – Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-opinjoniġiet ġudizzjarji – Interess pubbliku superjuri”

1. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti – Obbligu ta' motivazzjoni – Portata*

(It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 296(2) TFUE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, Artikolu 4)

(ara l-punti 25 sa 27)

2. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti – Interpretazzjoni u applikazzjoni stretti – Obbligu ta' eżami konkret u individwali fir-rigward tad-dokumenti koperti minn eċċezzjoni – Portata*

(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, premessi 2 u 11 u Artikolu 4)

(ara l-punti 40 sa 45)

3. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji – Kamp ta' applikazzjoni – Dokumenti mhux imfassla speċifikament għall-finijiet ta' proċedura ġudizzjarja iżda li jistgħu jippreġudikaw il-kapaċità tal-istituzzjoni kkonċernata li tiddefendi ruħha fl-imsemmija proċedura – Inklużjoni – Kundizzjonijiet*

(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2))

(ara l-punti 55 sa 59, 71)

¹ ĠU C 490, 6.12.2021.

4. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti – Interess pubbliku li jiġġustifika l-iżvelar ta' dokumenti – Invokazzjoni tal-prinċipju ta' trasparenza – Neċessità li jiġu invokati kunsiderazzjonijiet partikolari b'rabta mal-każ inkwistjoni*

(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, Artikolu 4(2))

(ara l-punti 109 sa 114)

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Troy Chemical Company BV hija kkundannata għall-ispejjeż.